**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 459/2019 AGV**

**AB (ID nru: 86459 M)**
**Vs**
**Dr Fransina Abela u PL Joeline Pace Ciscaldi li b' digriet ta' 15 ta' Ottubru 2019, gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti CD B.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 7 ta' Ottubru 2019 fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l- 14 ta' Jannar 1983 (Ara dok A), gol-Ingiterra u miz-zwieg taghhom twieled wild wiehed, E nhar it 28 ta' Dicembru 1982;
2. Illi l-partijiet isseparaw definttvament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Debono tat-23 ta' Jannar 2003 u dana kif jirrizulta minn Dok. B anness;

3. Illi skont l-istess kuntratt, l-esponenti kien obbliga ruhu li jivversa manteniment ghall-martu fis-somma ta' £ 650 f' xahar f' kont bankarju tal-mara liema huwa hallas regolarment;
4. Illi jirrizulta wkoll illi matul is-snin il-partijiet kienu qablu li l-esponenti jassenja polza li mmaturat lil-martu bil-valur ta' £ 22,795 ( Dok C), u in kontrakkambju l-manteniment tieghu gie ridott ghall-£350 fix-xahar liema manteniment huwa dejjem baqa' jitfa' fil-kont li martu ghaddietlu snin ilu (Dok D);
5. Illi bejn il-partijiet ma hemmx l-ebda prospett ragenevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, huma ghandhom hajja totalment separate minn xulxin;
6. Illi l-esponenti ma jafx fejn tinsab martu, salv ghall-fatt li tghix x' imkien gewwa l-Ingiterra u dan stante li huma ma ghandhomx relazzjoni bejniethom u martu ormai ilha snin nieqsa mill-Gzejjer Maltin u huwa ghalhekk li l-esponenti qed jipprosegwi fil-konfront ta' kuraturi deputati;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw li l-kundizzjonijiet rikjesti mil-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk joghgobha timponi huwa jinforma lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess certifkat taz-zwieg tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor l-istess jidhirilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Fransina Abela u PL. Joeline Pace Ciscaldi, fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-esponenti f' dal-istadju jiddikjaraw illi ma ghandhomx konoxxena tal-fatti ta' dal-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri, jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dal-kaz.
2. Salv eccezzjonjiet ultejuri.
3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-intimata naqset milli tippresenta provi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**